



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 5.9.2007  
KUMM(2007) 498 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI U LILL-KUMITAT  
TAR-REĠJUNI**

**Biex jinġieb 'il quddiem is-sehem sħiħ taż-żgħażaġh fl-educazzjoni, l-impjieg u s-soċjetà**

{SEK(2007) 1084}  
{SEK(2007) 1093}

# KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

**Biex jinġieb 'il quddiem is-sehem sħiħ taż-żgħażaġh fl-edukazzjoni, l-impjieg u s-soċjetà**

## 1. DAĦLA

Huwa essenzjali li ż-żgħażaġh ikollhom dak li hu meħtieġ u li jinħolqu l-kondizzjonijiet favorevoli għalihom biex jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom, biex jaħdmu u jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali sod ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fil-kuntest tal-globalizzazzjoni, l-ekonomiji bbażati fuq l-għarfien u s-soċjetajiet li dejjem qed jixjieħu fejn huwa kruċjali li kull żaġhżuġh/żaġhżuġha jingħata l-possibbiltà li jilħaq il-potenzjal tiegħu.

Filwaqt li l-kondizzjonijiet ġenerali għaż-żgħażaġh fl-Ewropa llum huma pożittivi – ħelsien u sigurtà, prosperità, l-istennija ta' ħajja itwal –, hemm tħassib dejjem jiżdied li ħafna minnhom ma jistgħux jimxu 'l quddiem. Rati għoljin ta' t'fal jgħixu fil-faqar, problemi ta' saħħa, tluq kmieni mill-iskola u qgħad fost għadd kbir wisq ta' żgħażaġh, juru hteġa ta' reviżjoni ta' l-investimenti li l-Ewropa qiegħda tagħmel biex iż-żgħażaġh tagħha<sup>1</sup> jkollhom bidu ta' futur aktar kmieni, saħansitra meqjus ir-rwol essenzjali tal-familji<sup>2</sup>. L-esklużjoni soċjali taż-żgħażaġh fiha spejjeż soċjali u ekonomiċi għolja u jeħtieġ li tiġi evitata.

L-isfidi li qed jiffaċċjaw iż-żgħażaġh illum huma kumplessi u diversi. Hemm aktar opportunitajiet ta' tagħlim u parteċipazzjoni iżda anqas mogħdijiet stabbiliti. Li jinżammu t-tkabbir u l-prosperità fl-Ewropa, filwaqt li jinġiebu 'l quddiem il-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp sostenibbli, jiddependi fuq il-kontribut sħiħ u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh kollha, u dan aktar u aktar meta qiegħed jonqos in-numru tagħhom relattiv mal-popolazzjoni fis-sħiħ tagħha. Iż-żgħażaġh se jkollhom jerfġu l-piż ta' l-ispiża dejjem tikber ta' popolazzjoni li qiegħda tixjeh, u dan jitlob reazzjoni interġenerazzjonali<sup>3</sup>.

Għalhekk jeħtieġ li jkun hemm strateġija trażversali għaż-żgħażaġh permezz ta' kooperazzjoni bejn dawk li jfasslu l-politika u l-partijiet interessati fuq il-livelli Ewropej, nazzionali, reġjonali u lokali. L-Istati Membri għandhom ir-rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-politika għaż-żgħażaġh. F'dan ir-rigward diġa kkommettew ruħhom fil-Patt Ewropew għaż-Żaġhżuġh li jagħtu attenzjoni speċjali liż-żgħażaġh fi h'dan l-istrateġija ta' Liżbona<sup>4</sup>. L-UE jista' jkollha rwol komplementari billi toffri appoġġ finanzjarju u koordinazzjoni ta' politika. Qafas ta' politika għaż-żgħażaġh twaqqaf bil-mod il-mod bl-appoġġ tal-Parlament Ewropew u istituzzjonijiet oħra mill-*White Paper* dwar iż-Żgħażaġħ lilhawn<sup>5</sup>. Koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn dan il-qafas u strateġiji politiċi oħra li għandhom impatt fuq iż-żgħażaġh, flimkien ma' aktar enfażi fuq iż-żgħażaġh f'dawn l-istrateġiji, ikunu ta' għajjnuna biex l-isfidi ffaċċjati

<sup>1</sup> BEPA April 2007

<sup>2</sup> Alleanza Ewropea tal-Familji li tnediet fil-Kunsill Ewropew tar-Rebbieġha fl-2007

<sup>3</sup> COM(2006)571, COM(2007)244

<sup>4</sup> COM (2005) 206

<sup>5</sup> COM (2001) 681, Riżoluzzjoni tal-Kunsill C 168/2(2002)

miż-żgħażaġh jiġu indirizzati b'mod aktar effiċjenti, u dan huwa l-iskop ta' din il-Komunikazzjoni.

Barra minn hekk, sħubija qawwija bejn l-UE u ż-żgħażaġh tkun ta' benefiċċju għall-promozzjoni tas-sehem sħiħ taż-żgħażaġh fis-soċjetà. Hawn qed jiġi propost li dan jista' jkun f'sura ta' impenn mill-UE u l-Istati Membri li jiżviluppaw opportunitajiet aħjar għaż-żgħażaġh u impenn miż-żgħażaġh infushom li jkollhom rwol attiv.

## 2. AKTAR EDUKAZZJONI U EDUKAZZJONI AĦJAR GĦAŻ-ŻGHAŻAĠH KOLLHA

L-edukazzjoni hija kruċjali għat-tranżizzjonijiet taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol u l-integrazzjoni b'suċċess u l-parteeipazzjoni tagħhom fis-soċjetà. Iżda, għadd sinifikanti ta' żgħażaġh joħorġu minn sistemi edukattivi mingħajr ma jkunu kisbu l-ħiliet meħtieġa għal tranżizzjoni mingħajr xkiel lejn l-impjieg.

Kważi wieħed minn kull sitt żgħażaġh fl-UE jitlaq mill-iskola qabel iż-żmien. L-Istati Membri għandhom l-għan li jnaqqsu din iċ-ċifra għal medja ta' 10% sa l-2010, iżda kemm dan jista' jinkiseb huwa dubjuż. Wieħed minn kull erba' adulti (etajiet 25-29) ma jtemmx il-livell ta' edukazzjoni sekondarja oġhla. L-istħarriġ juri li hemm nuqqasijiet konsiderevoli fl-għarfien ta' ħiliet bażiċi fil-kitba u fil-għadd, u dan huwa ostaklu serju għat-tkomplija tat-taħriġ vokazzjonali jew edukazzjoni oġhla. Dawn se jkollhom jiffaċċaw ġejjieni prekarju fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol modern<sup>6</sup>.

L-edukazzjoni preżenti xi ftit imraqqa li l-Ewropa tipprovdi lit-tfal iż-żgħar<sup>7</sup> – li l-benefiċċji kbar tagħha huma stabbiliti sewwa<sup>8</sup> – tista' titjieb. L-isforzi jridu jiġu mmirati fuq l-iżvilupp tal-kompetenzi ewlenin<sup>9</sup> minn età bikrija ħafna, u t-tfal f'żoni żvantaġġati jkunu ta' l-ewwel u jinħoloq mekkaniżmu fl-istess waqt li jipprevjeni t-tluq kmieni mill-iskola.

Is-sistemi edukattivi għandhom jipprovdu edukazzjoni effiċjenti u rilevanti f'perspettiva tul ċiklu ta' ħajja, filwaqt li jstimulaw il-potenzjal ta' l-individwu għall-kreattività u l-awtonomija u jevitaw li jkun hemm żbilanċ mas-suq tax-xogħol. Iż-żgħażaġh jeħtieġ li jkunu mħejjin għad-dħul fis-suq tax-xogħol iżda wkoll li jkunu jistgħu jissoktaw bl-edukazzjoni tagħhom tul ħajjithom, għall-iżvilupp personali u biex isibu għajnuna fl-adattament tagħhom għaċ-ċirkostanzi professjonali li jinbidlu. L-iżvilupp ta' ħiliet ta' komunikazzjoni fl-ilsna barranin għandu jinġieb 'il quddiem f'dan il-kuntest.

Dawn huma l-isfidi ewlenin – dejjem aktar urġenti f'ekonomija globalizzata u bbażata fuq l-għarfien – li s-sistemi edukattivi jridu jindirizzaw jekk iridu jlaħħqu mal-ħtiġijiet taż-żgħażaġh ta' llum. Il-Programm ta' ħidma dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2010<sup>10</sup> jipprovdi qafas fuq livell ta' l-UE li jirfed il-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' l-Istati Membri. Attenzjoni politika aktar kkonċentrata fuq l-implimentazzjoni tal-politika u l-prassi tajba li ħarġu minn dan il-proċess tkun ta' benefiċċju. Bl-investiment indirizzat lejn l-

<sup>6</sup> Rapport dwar il-Progress 2007

<sup>7</sup> Edukazzjoni preprimarja

<sup>8</sup> COM (2006) 481

<sup>9</sup> Rakkomandazzjoni (2006/962/KE): dawn huma l-komunikazzjoni f'islen il-pajjiż, il-komunikazzjoni f'islna barranin, il-kompetenza matematika u kompetenzi bażiċi fix-xjenza u t-teknoloġija, il-kompetenza diġitali, it-tagħlim ta' kif titgħallem, kompetenzi soċjali u ċiviċi, is-sens ta' inizzjattiva u intraprenditorija, u għarfien u espressjoni kulturali.

<sup>10</sup> C 142/1 (2002)

iżvilupp ta' l-edukazzjoni tat-tfal iż-żgħar għal kulħadd u bit-titjib fil-kwalità tagħha, l-Istati Membri jistgħu jindirizzaw b'mod aktar effettiv il-problema tat-tluq mill-iskola qabel iż-żmien u l-iżvantaġġ edukattiv.

### ***Il-Kummissjoni***

- tistieden l-Istati Membri jagħtu prijorità lill-kwalità u l-kwantità ta' investiment fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom ta' taġlim tul il-ħajja lill-edukazzjoni tat-tfal iż-żgħar
- tistieden l-Istati Membri jimmodernizzaw l-edukazzjoni oġhla permezz ta' tibdil fil-governanza, finanzjament u kurrikula
- tistieden l-Istati Membri jsaħħu l-attenzjoni fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma sabiex jevitaw kull żbilanċ bejn il-frott ta' l-edukazzjoni u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, pereżempju billi jiżviluppaw iktar u aħjar l-opportunitajiet ta' għoti ta' pariri liż-żgħażaġh u jibnu rabtiet aktar mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet edukattivi u d-dinja tax-xogħol.
- tistieden l-Istati Membri jtejbju r-relevanza, l-attrattività u l-aċċessibilità għas-suq tax-xogħol ta' l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ sabiex iħejju aħjar iż-żgħażaġh għas-suq tax-xogħol, pereżempju permezz ta' sħubiji bejn il-partijiet interessati – inklużi l-imsieħba soċjali u l-għaqdiet tas-settur
- tistieden l-Istati Membri jimplimentaw il-Qafas Ewropew dwar il-Kwalifiki li jkun ta' appoġġ għall-mobilità ta' l-istudenti u ħaddiema żgħażaġh u għall-validazzjoni ta' dak li taġhmu permezz ta' mogħdijiet formali u mhux formali
- flimkiem ma' l-Istati Membri, tiżviluppa l-elementi speċifiċi għaż-żgħażaġh fi ħdan l-Ewropass<sup>11</sup>, fuq il-bażi taż-Żgħażaġhpass imwassal fi ħdan il-qafas tal-Programm iż-Żgħażaġħ Jaġixxu, biex tiffaċilita l-aċċess taż-żgħażaġh għall-mobilità u t-taġhlim tul il-ħajja

### **3. IŻ-ŻGĤAZAġH U L-IMPJIEG: SFIDA GĤALL-EWROPA**

L-użu tal-potenzjal sħiħ taż-żgħażaġh huwa rekwiżit għat-tekabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali tal-ġejjieni fl-UE. Is-swieq tax-xogħol jeħtieġ li jirreaġixxu b'urġenza għal dawn l-isfidi sabiex jintlaħaq il-potenzjali tal-popolazzjoni taż-żgħażaġh.

---

<sup>11</sup> DEĊIŻJONI 2241/2004/KE: L-Ewropass jipprovdi qafas komunitarju għat-trasparenza tal-kwalifiki u l-kompetenzi filwaqt li jtejjeb l-opportunitajiet għaż-żgħażaġh sabiex il-frott tat-taġhlim tagħhom ikun aktar viżibbli

### 3.1. Il-qgħad fiż-żgħażaġh: riżorsa moħlija<sup>12</sup>

Il-qgħad fiż-żgħażaġh (etaġiet 15-24) huwa ta' tħassib kbir għall-Ewropa: illum huwa ta' 17.4%<sup>13</sup>. Dan jikkostitwixxi heġla ta' kapital uman. Matul dawn l-aħħar 25 sena, ma nkiseb ebda riżultat veru fit-tnaqqis tiegħu minkejja żieda ġenerali fl-edukazzjoni. Fit-titjib ekonomiku preżenti li seħħ f'daqqa, b'7 miljuni aktar dieħlin fl-impjieg matul iċ-ċiklu ta' Liżbona 2005-2008, ir-rendiment tas-suq tax-xogħol jissokta fl-iżvilupp tiegħu anqas favorevoli għaż-żgħażaġh. Iċ-ċans li jibqgħu bla xogħol huwa aktar mid-doppju mill-adulti fl-aqwa età ta' l-impjieg. Il-qgħad fl-adulti żgħażaġh ta' sikwit jinbidel f'qgħad jew nuqqas ta' attività fit-tul (aktar minn 50% tan-nies bla xogħol huma bejn 25-29). Hemm wisq nisa żgħażaġh fost dawk li mhumiex attivi jew bla xogħol, u d-differenza bejnhom u l-irġiel tikber ma' l-età.

Il-qgħad fiż-żgħażaġh ilu żmien meqjuż bħala fenomenu temporanju fit-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol. Madankollu, il-kawżi tal-problemi tal-qgħad fiż-żgħażaġh u r-riskji nvoluti jridu jitqiesu mill-ġdid fil-kuntest demografiku u ekonomiku li qed jinbidel. Il-ħiliet u l-edukazzjoni (jew in-nuqqas tagħhom) hija waħda mir-raġunijiet ewlenin, iżda it-tranżizzjonijiet diffiċli u s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol huma wkoll parti mill-problema. Id-differenzi reġjonali f'xi Stati Membri jaggravaw dawn il-problemi.

Bħala konsegwenza ta' nuqqasijiet fl-edukazzjoni kwart miż-żgħażaġh jaslu fuq l-għadba tas-suq tax-xogħol mingħajr biżżejjed kwalifiki (ara il-kapitolu 2). Nofs l-impjeggi ġodda li jinħolqu fl-UE illum jeħtieġu kwalifiki ta' livell għoli, u ħafna mill-bqija mill-inqas ta' livell tan-nofs. Mhix sorpriża li r-rata ta' qgħad taż-żgħażaġh bi kwalifiki baxxi hija oġhla b'mod sinifikanti minn sħabhom stess iktar ikkwalfikati. It-tibdil fid-domanda tax-xogħol żied l-iżvantaġġ taż-żgħażaġh li mhumiex ikkwalfikati. L-ekonomiji bbażati fuq l-għarfien u s-servizz għadhom s'issa għajn ta' impjeggi li jeħtieġu kwalifiki formali għoljin, iżda l-ħtieġa ta' ħiliet u kompetenzi aktar varji hija ikbar mill-passat. F'xi pajjiżi, anki żgħażaġh bi kwalifiki għolja jsibu diffikultajiet fit-tfittxija tax-xogħol minħabba istituzzjonijiet makroekonomiċi jew tas-suq tax-xogħol li huma ta' żvantaġġ għad-dħul ta' dawk li qed ifittxu għall-ewwel darba, u żbilanċ bejn il-kwalifiki u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

Rati għoljin ta' nuqqas ta' attività fost iż-żgħażaġh (barra mill-parteciġazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ) huma fenomenu ieħor ta' nuqqas ta' integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u jikkoinċidu ma rati ġenerali għoljin ta' qgħad. In-nuqqas ta' attività għandha riperkussjonijiet negattivi fuq il-ħeġġa u l-kapaċità ekonomika ta' adulti żgħażaġh li jrabbu familja. Il-qgħad u n-nuqqas ta' attività tal-ġenituri huma fatturi ta' riskju qawwi għall-faqar fit-tfal (ara l-kapitolu 4).

### 3.2. It-titjib tat-tranzizzjonijiet taż-żgħażaġh: flessigurtà

Li wieħed isib postu fis-suq tax-xogħol huwa ta' sikwit proċess gradwali, iżda jsir problema jekk il-perjodi ta' nuqqas ta' impjieg ma jimtlewx b'attività utli; dan jagħmel ħsara lill-kapaċità ta' dak li jkun li jsib ix-xogħol. F'bosta Stati Membri, wieħed fi tliet żgħażaġh jibqa' bla xogħol sena wara li jtemm l-edukazzjoni.

<sup>12</sup> Ara l-analiżi fid-dettall fl-SEC (2007) 1093 ippreżentata ma' din il-Komunikazzjoni, u l-Analiżi dwar l-Osservazzjoni ta' l-Impjieg 2005

<sup>13</sup> UE-27 rata ta' qgħad fiż-żgħażaġh 2006 Għal aktar dettalji dwar iċ-ċifri ara SEC (2007) 1093

Minkejja l-impenn imtenti mill-Istati Membri l-biċċa l-kbira ta' l-4.6 miljun żaġżuġ bla xogħol fl-UE ma jsibux l-opportunità li jibdew mill-ġdid fi żmien 6 xhur. L-istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni u tas-suq tax-xogħol għandhom jaġhmlu l-almu tagħhom biex jipprovdu liż-żgħażaġh bi gwida u pariri speċifiċi biex jaġhżlu triq xierqa li twassalhom biex jikkwalifikaw għas-suq tax-xogħol<sup>14</sup>. u b'hekk inaqqsu l-iżbilanċ bejn il-frott ta' l-edukazzjoni u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Iż-żgħażaġh għandhom jirċievu aktar appoġġ permezz ta' riċerka speċifika għall-impjieġ inklużi opportunitajiet barra mill-pajjiż. L-UE se żżid l-appoġġ tagħha għall-kooperazzjoni fost l-Istati Membri dwar il-promozzjoni tal-mobilità (pereżempju. L-inizjattiva ta' L-EURES "L-Ewwel Xogħol Tiegħek Barra).

It-twaqqif ta' rabtiet bikrija bejn l-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol huwa essenzjali biex iż-żgħażaġh jiffamiljarizzaw ruħhom mad-dinja tax-xogħol. L-apprendistati, meta jkunu marbuta mal-kurrikulu tat-taħriġ jew ta' l-istudju, huma għodda importanti f'dan ir-rigward, iżda, l-apprendistati bi fteit paga jew bla ħlas u b'valur miżjud edukattiv limitat għandhom jiġu evitati. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-apprendistati jkunu ddefinti b'mod xieraq.

Iż-żgħażaġh jeħtieġu opportunitajiet ta' xogħol xierqa, iżda meta jsibu fteit opportunitajiet jew xejn biex juru l-kapaċitajiet tagħhom, ibagħtu bil-wisq minħabba li ma jingħatawx impjieġ. Huma affettwati b'mod partikolari mid-dwalizmu tas-suq tax-xogħol. Jistgħu jsibu ruħhom f'impjieġi b'kondizzjonijiet jew prospetti baxxi: pereżempju 4 minn 10 fil-preżent jinsabu f'impjieġ temporanju; madwar kwart minnhom jaħdmu *part-time* u aktar minn kwart għandhom xogħol imħallas bi fteit. Impjieġ bħal dan jista' jservi ta' sellum u jgħin liż-żgħażaġh jistabbilixxu rendikont ta' l-impjieġi tagħhom, iżda għal xi wħud jista' jwassal lejn ċiklu ta' impjieġi permamenti ta' kwalità baxxa<sup>15</sup>.

Minkejja l-fatt li l-Istati Membri jaġhmlu sforzi kbar biex isolvu l-qgħad fiż-żgħażaġh, l-evalwazzjonijiet tal-politika attiva dwar is-suq tax-xogħol għaż-żgħażaġh juru li r-riżultati jistgħu jkunu aħjar<sup>16</sup>. L-Istati Membri għandhom jindirizzaw b'mod aktar sistematiku u wiesa' l-kawżi tal-qgħad fiż-żgħażaġh fi ħdan l-Istrateġija ta' Liżbona, inkluż il-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ. L-eżerċizzju ta' Liżbona 2006/2007 għamel għadd ta' rakkomandazzjonijiet rilevanti għall-problemi ta' l-impjieġ għaż-żgħażaġh.

Il-prinċipji komuni ta' flessigurtà jipprovdu parti mill-qafas li jindirizza l-kawżi ewlenin tal-problemi tal-qgħad fost iż-żgħażaġh u s-sensazzjoni ta' nuqqas ta' sigurtà<sup>17</sup>. Jindirizzaw fl-istess waqt il-kwistjonijiet ta' sigurtà u flessibilità. Fiċ-ċiklu ta' Liżbona li jmiss, li jibda fl-2008, l-Istati Membri huma mistiedna jistabbilixxu, skond l-isfidi rispettivi speċifiċi tagħhom u bis-sehem attiv ta' l-imsieħba soċjali, strateġiji ta' flessigurtà li jintegraw l-erba' komponenti ta' politika (arranġamenti kuntrattwali flessibbli u affidabbli, sistemi effettivi ta' taġħlim tul il-ħajja, politika attiva tas-suq tax-xogħol, sistemi moderni ta' sigurtà soċjali). L-interventi politiċi u l-miżuri ta' impjieġ għandhom jiġu analizzati mill-ġdid u jitfasslu skond iċ-ċirkostanzi u l-preferenzi nazzjonali. L-Istati Membri għandhom jużaw il-Fond Soċjali Ewropew biex jiprovdu liż-żgħażaġh b'moġhdijiet ta' tranżizzjoni mill-edukazzjoni għax-xogħol, b'mod partikolari fejn huma anqas żviluppatti s-sistemi ta' taħriġ vokazzjonali, u jaġhmlu aktar enfażi fuq iż-żgħażaġh fl-istrateġiji politiċi strutturali bit-tir li jnaqqsu l-iżbilanċ reġjonali.

<sup>14</sup> Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-Gwida ta' l-Istudent, Mejju 2004; Ktejjeb dwar il-Gwida għall-Karriera

<sup>15</sup> L-Impjieġi fl-Ewropa 2004 p. 178

<sup>16</sup> L-Impjieġi fl-Ewropa 2006 p. 139

<sup>17</sup> COM (2007) 359

### 3.3. Il-promozzjoni ta' l-intraprenditorija

L-Ewropa teħtieġ aktar intraprendituri. 15% biss minn dawk li jaħdmu huma sidien jew għal rashom fl-UE u ċ-ċifri jonqsu sa 4.2% fil-każ taż-żgħażaġh<sup>18</sup>. Iżda, aktar minn nofshom juru li jinteressahom isegwu t-triq ta' l-intraprenditorija<sup>19</sup>. It-trawwim fil-ksib ta' spirtu intraprenditorjali permezz ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ huwa kruċjali u għandu l-għarfien ta' kompetenza ewlenija. Il-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ u l-inizjattivi reċenti tal-Kummissjoni<sup>20</sup> wkoll jenfażizzaw il-ħtieġa biex il-proċessi ta' taġħlim jappoġġaw, kemm jista' jkun possibbli, l-iżvilupp tal-ħiliet ta' parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u l-fiduċja fihom infushom u l-kompetenza bħala intraprendituri.

Jeħtieġ li jinħolqu kondizzjonijiet favorevoli għall-intraprendituri żgħażaġh, billi jiġi pprovdut taġħrif, inċentivi finanzjarji u jitneħħa x-xkiel żejjed legali u amministrattiv. Hemm ukoll il-ħtieġa li jiġu indirizzati ostakli speċifiċi li jiltaqġu magħhom in-nisa żgħażaġh fit-twaqqif u l-ġestjoni ta' negozju. Il-Kummissjoni qed tħejji proġett pilota biex ġġib 'il quddiem il-mobilità ta' l-intraprendituri żgħażaġh.

#### ***Il-Kummissjoni***

- *se żżid is-sorveljanza ta' l-imjieġ għaż-żgħażaġh l-Istati Membri u ġġib 'il quddiem l-iskambju ta' l-aqwa prassi*
- *se ttejjeb l-appoġġ għall-mobilità ġeografika permezz ta' l-istrument EURES u tniedi fil-ħarifa ta' l-2007 l-inizjattiva pilota "L-Ewwel Xogħol Tiegħek Barra" għaż-żgħażaġh ħaddiema sabiex jagħmlu l-ewwel esperjenza taġħhom ta' mobilità*
- *se tipproponi fl-2008 inizjattiva għal statut ta' kwalità Ewropew dwar l-apprendistati*
- *tistieden l-Istati Membri jagħtu aktar attenzjoni liż-żgħażaġh fil-Programmi ta' Riforma Nazzjonali u fis-sorveljanza multilaterali*
- *tistieden l-Istati Membri jistabbilixxu strateġiji ta' flessigurtà b'attenzjoni speċifika fuq l-oġġettivi ta' impjieġ għaż-żgħażaġh, b'mod partikolari fid-dawl ta' l-approċċ imfassal fil-Komunikazzjoni ta' Ġunju dwar il-flessigurtà u x-xogħol li għad irid isir dwar il-flessigurtà fil-Kunsill Ewropew.*
- *tistieden l-Istati Membri jġibu 'l quddiem l-apprendistati b'rabta qawwija mal-kurrikulu ta' taħriġ jew studju u jiddefinixxu oqfsa xierqa biex dan isir*
- *tistieden l-Istati Membri jġibu 'l quddiem l-edukazzjoni intraprenditorjali bħala kompetenza ewlenija u jtejbu l-kondizzjonijiet għall-impredituri żgħażaġh, pereżempju billi jippromwovu l-Programm ta' Innovazzjoni u Intraprenditorija fost l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-impriżi biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament għat-twaqqif ta' l-IŻM minn intraprendituri żgħażaġh*
- *tħeġġeġ l-Istati Membri jużaw l-istrateġiji nazzjonali u l-fondi ta' l-UE, b'mod partikolari il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Żvilupp Reġjonali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-*

<sup>18</sup> Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol 2006

<sup>19</sup> Flash EB 192, April 2007

<sup>20</sup> COM (2006) 33 finali. Ara wkoll l-aġenda ta' Oslo

Fond ta' Żvilupp Rurali jew xi fondi jew programmi rilevanti ta' l-UE, biex jappoġġjaw it-tranżizzjoni taż-żgħażaġh mill-edukazzjoni għall-impjieg u jnaqqsu l-isbilanċ reġjonali f'dan ir-rigward

#### 4. L-UŻU TAL-POTENZJAL TA' KULLĦADD

Il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fl-edukazzjoni, l-impjieg u s-soċjetà hija affettwata mill-faqar, l-emarġinazzjoni soċjali, id-diskriminazzjoni u n-nuqqas ta' sanità. L-Ewropa għandha interess ġenwin kemm għal raġunijiet ekonomiċi kif ukoll soċjali li tiżgura li tfal u żgħażaġh ma jiġux esklużi.

##### 4.1. Inklużjoni soċjali

Il-faqar fost it-tfal, li jolqot 19% tat-tfal, ġuvintur u xebbiet kollha taħt it-18, huwa tħassib ewlieni<sup>21</sup>. Il-benessri tat-tfal huwa meqjus li għandu effetti importanti fuq l-edukazzjoni u l-impjieg sussegwenti. Il-pajjiżi b'riskji għolja ta' faqar għat-tfal u ż-żgħażaġh tipikament għandhom livelli għolja ta' qgħad. Il-qtuġh fit-trażmissjoni tal-faqar interġenerazzjonali hija sfida ewlenija, u l-politika għandha tindirizza l-ħtiġijiet kemm tat-tfal kif ukoll tal-ġenituri b'mod komprensiv. Għandu jkun hemm aktar enfażi fuq l-edukazzjoni preprimarja u fuq l-edukazzjoni tat-tfal li jgħixu f'żoni żvantaġġati.

F'għadd ta' pajjiżi, l-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh bi sfond ta' migrazzjoni jew minn minoranzi żvantaġġati (b'mod partikolari Roma) s'issa ma seħħitx b'suċċess. Ta' sikwit minn ġenituri bi status soċjoekonomiku baxx, jirrappreżentaw porzjon kbir miż-żgħażaġh żvantaġġati, jkollhom rati oġhla ta' tluq kmieni mill-iskola u ta' sikwit b'ħiliet baxxi fil-qari. *Ir-riskju ta' nuqqas ta' attività ekonomika miż-żgħażaġh ta' minoranzi etniċi f'ċerti pajjiżi hija oġhla b'terz mill-popolazzjoni taż-żgħażaġh integrati.*

*Il-ksib ta' l-inklużjoni soċjali u opportunitajiet indaqs hija wkoll kwistjoni ewlenija għaż-żgħażaġh b'diżabbiltà. L-eliminazzjoni tax-xkiel għall-parteċipazzjoni tagħhom fl-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll għall-impenn tagħhom fil-ħajja ċivika, politika u komunitarja hija kruċjali. Għaż-żgħażaġh kollha b'anqas kapaċitajiet, il-politika attiva tas-suq tax-xoġhol u l-miżuri biex jiżdid is-sehem tagħhom fit-taħriġ vokazzjonali huma strumentali għat-titjib ta' l-opportunitajiet ta' parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà.*

##### 4.2. Żbilanċ bejn is-sessi

*Iż-żgħażaġh nisa jridu jgħaddu minn rati ta' qgħad oġhla mill-irġiel u ta' sikwit isibu ruħhom f'impjiegi ta' kwalità baxxa, part-time u għal żmien fiss. Minkejja li f'dawn l-aħħar għexiren ta' snin għamlu progress sostanzjali fl-edukazzjoni, il-potenzjal tagħhom huwa biss parzjalment rifless fir-rendiment tas-suq tax-xoġhol, inklużi differenzi persistenti fil-paga li jiżdiedu bl-età. L-istereotipi bbażati fuq is-sess għandhom rwol ewlieni f'din is-sitwazzjoni peress li n-nisa u l-irġiel jgħaddu minn mogħdijiet edukattivi tradizzjonali, li ta' sikwit iqiegħdu lin-nisa fxoġhol inqas stmat u imħallas. In-nisa jaħdmu ħafna inqas fl-oqsma tekniċi, minkejja n-nuqqas fis-suq tax-xoġhol. Iż-żgħażaġh irġiel huma rrappreżentati żżejjed fost dawk li jtitlqu kmieni mill-iskola.*

<sup>21</sup> SEC (2007) 329



### 4.3. Aktar Saħħa

Is-saħħa hija hteġa fil-bini tal-kapital uman u s-sehem ssih. Ħafna nuqqas ta' saħħa aktar tard fil-ħajja tista' tiġi evitata minn qabel. Iżda għadd relattivament għoli u dejjem jiżdid ta' żgħażaġh diġà jsofru minn problemi ta' saħħa: pereżempju fit-tfal, wieħed minn kull ħamsa jbagħti minn piż żejjed jew obeżità, madwar 10% ta' l-imwiet fiż-żgħażaġh nisa u 25% fiż-żgħażaġh irġiel huma marbuta ma' l-alkoħol. Is-saħħa taż-żgħażaġh hija influwenzata b'mod qawwi miċ-ċirkustanzi soċjali, tal-familja u ta' l-iskola. Stat soċjoekonomiku baxx u livelli ta' edukazzjoni baxxi huma assoċjati ma' inċidenza ogħla ta' problemi ta' saħħa mentali u fiżika, abbuż ta' droga u tqala qabel iż-żmien.

Iż-żgħażaġh huma wieħed mill-gruppi ewlieni fil-mira tal-politika ta' saħħa u prevenzjoni ta' l-UE (fl-oqsma ta' l-alkoħol, l-abbuż ta' droga, it-tabakk, is-saħħa tal-konsumatur, in-nutrizzjoni u l-obeżità u l-HIV/AIDS, u dalwaqt is-saħħa mentali). Jeħtieġ aktar kollaborazzjoni intersettorjali biex tiġi indirizzata d-dimensjoni soċjali tas-saħħa u jinħolqu azzjonijiet speċifiċi biex tinġieb 'il quddiem is-saħħa taż-żgħażaġh. Il-Kummissjoni enfażizzat ukoll l-importanza tal-promozzjoni ta' nutrizzjoni aħjar u attivitá fiżika fost iż-żgħażaġh biex saħħithom tkun aħjar<sup>22</sup>.

#### *Il-Kummissjoni*

- tistieden l-Istati Membri jħabirku aktar fil-ġlieda kontra l-faqar fit-tfal l-aktar billi jġibu 'l quddiem l-opportunitajiet indaqs għat-tfal u ż-żgħażaġh f'dak li huwa edukazzjoni, inkluża l-edukazzjoni pre-primarja, kif ukoll is-sehem tal-ġenituri fis-suq tax-xoġhol.
- tistieden l-Istati Membri jħejju lill-għaqdiet taż-żgħażaġh u lil dawk li jaħdmu fosthom biex jiffaċċaw kwistjonijiet ta' saħħa
- se tħejji strateġija ġdida ta' saħħa fl-2007 li tagħti appoġġ lill-azzjonijiet speċifiċi għaż-żgħażaġh
- bil-qawwa tappoġġja azzjonijiet biex jitwarrbu l-istereotipi bbażati fuq is-sess fl-edukazzjoni, il-kultura u fis-suq tax-xoġhol billi ġġib 'l quddiem l-integrazzjoni tas-sessi u azzjonijiet speċifiċi fil-programmi edukattivi u kulturali ta' l-UE.

## 5. ĊITTADINI ŻGHAŻAĠH ATTIVI

Mill-pubblikazzjoni tal-*White Paper* dwar iż-Żgħażaġħ, il-Kummissjoni u l-Istati Membri ħadmu fuq strateġiji politiċi biex irawwmu l-ħiliet ta' parteċipazzjoni u l-impenn attiv taż-żgħażaġh fis-soċjetá<sup>23</sup>. It-tfassil tal-politika għaż-żgħażaġh fi djalogo kostanti maż-żgħażaġh huwa strumentali għas-suċċess tagħhom.

<sup>22</sup> COM(2007)391 u COM(2007)279

<sup>23</sup> Riżoluzzjoni tal-Kunsill C 168/2(2002)

## 5.1. Sehem iż-żgħażaġh

Sehem iż-żgħażaġh fl-istituzzjonijiet demokratiċi u fi djalogu kontinwu ma' min ifassal il-politika huwa essenzjali biex jaħdmu sewwa d-demokraziji tagħna u s-sostenibilità ta' l-istrateġiji politiċi li għandhom impatt fuq haġġet iż-żgħażaġh.

Il-Kummissjoni dan l-aħħar<sup>24</sup> għamlet sejħa lill-Istati Membri biex jissoktaw bl-isforzi tagħhom biex iżidu sehem iż-żgħażaġh u jsawwru strateġiji koerenti ta' tagħrif għaż-żgħażaġh. Il-Kummissjoni nidiet ukoll djalogu ġenwin maż-żgħażaġh imsawwar mil-livell lokali sa dak Ewropew li jeħtieġ li jiġi implimentat fis-sħiħ. Is-Samit Ewropew taż-Żgħażaġħ "L-Ewropa Tiegħek" organizzat f'Ruma f'Marzu 2007, il-Ġimgħa Ewropea għaż-Żgħażaġħ u avvenimenti regolari tal-Presidenza Żgħażaġħ huma passi pożittivi lejn djalogu strutturat bħal dan maż-żgħażaġh.

L-involviment fl-attivitajiet kulturali jista' jgħin ukoll liż-żgħażaġh jesprimu l-enerġija kreattiva tagħhom u jikkontribwixxu fit-trawwim ta' ċittadinanza attiva. Barra minn hekk, l-attivitajiet kulturali jistgħu jgħibu 'l quddiem l-inklużjoni u jiffaċilitaw id-djalogu inter-ġenerazzjonali u inter-kulturali billi jsawwru rabtiet bejn l-individwi u jgħinu biex l-identità nazzjonali tiġi miżbuqa. Dan huwa l-qofol tas-Sena Ewropea dwar id-Djalogu Interkulturali fl-2008, li se tiffoka fuq iż-żgħażaġh. Huma jikkostitwixxu wkoll messaġġi ewlenin fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kultura<sup>25</sup>.

## 5.2. Attivitajiet volontarji

L-attivitajiet volontarji jipprovdu esperjenza ta' tagħlim mhux formali u prezzjuża, li tippermetti liż-żgħażaġh jiksbu ħiliet u tiffaċilita t-tranżizzjoni tagħhom mill-edukazzjoni għall-impjieġ. Permezz tal-volontarjat, iż-żgħażaġh jiżviluppaw valuri bħall-ftehim ta' xulxin, id-djalogu u s-solidarjetà. Madankollu, ta' min jenfażizza li l-attivitajiet volontarji m'għandhomx jissostitwixxu impjieġ bi hłas.

Iż-żgħażaġh Ewropej għandhom idea pożittiva tal-programmi li jħeġġu l-attivitajiet volontarji u 74% jemmnu li programmi bħal dawn huma mod tajjeb kif jiżdied is-sehem tagħhom fis-soċjetà. Il-Programm Iż-Żgħażaġħ Jaġixxu ta' l-UE<sup>26</sup> jipprovdi qafas għas-Servizz Volontarju Ewropew.

Ir-rapporti ta' l-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni ta' l-oġġettivi komuni adottati għall-attivitajiet volontarji fi hđan il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (Open Method of Coordination / OMC)<sup>27</sup> juru li l-iskambji ta' prassi tajba, l-attivitajiet ta' tagħlim bis-saħħa ta' xulxin u l-għodda ta' valutazzjoni jgħibu valur miżjud fl-iżvilupp ta' attivitajiet volontarji<sup>28</sup>.

---

<sup>24</sup> COM (2006) 417

<sup>25</sup> COM (2007) 242

<sup>26</sup> Mill-1996 sa l-2006, 30.000 zaġħżuġh Ewropew ibbenefikaw minn din l-iskema

<sup>27</sup> Riżoluzzjoni tal-Kunsill 13996/04 (2004)

<sup>28</sup> Ara l-analiżi fid-dettall fl-SEC (2007) 1084 ippreżentata ma' din il-Komunikazzjoni

Ostakoli bħal diffikultajiet ta' visa u nuqqas ta' assigurazzjoni għandhom jiġu eliminati, u r-rabta ma' drittijiet għal dispożizzjonijiet ta' sigurtà soċjali, inklużi benefiċċji għall-qgħad, jeħtieġ li titjib. Il-kooperazzjoni intersettorjali bejn l-awtoritajiet differenti u oqfsa legali xierqa huma meħtieġa<sup>29</sup>. L-għarfien tal-ħiliet miksuba miż-żgħażaġħ fil-volontarjat jikkontribwixxi għall-faċilitazzjoni tat-tranżizzjoni tagħhom mill-edukazzjoni għall-impjeg. Teżisti prassi tajba iżda jeħtieġ approċċ aktar koerenti, fuq il-bażi tar-riflessjoni preżenti mmedija fuq livell ta' l-UE<sup>30</sup>.

### **5.3. Iż-żgħażaġħ u l-UE: Sħubija msaħħa**

L-istituzzjonijiet u l-politika għandhom rwol ewlieni fit-twessigħ ta' l-opportunitajiet biex il-ġenerazzjoni żagħżuġha tieħu sehem fis-soċjetà, iżda ż-żgħażaġħ infushom jridu wkoll jiżviluppaw sens ta' responsabbiltà f'dik li hija l-edukazzjoni tagħhom, is-saħħa, l-integrazzjoni fil-ħajja professjonali u l-impenn fis-soċjetà.

L-għaqdiet taż-żgħażaġħ huma riżorsa ewlenija f'dan ir-rigward. Ir-rwol tal-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ huwa importanti biex għaqdiet bħal dawn jiġu impenjati, b'mod partikolari l-Kunsilli taż-żgħażaġħ nazzjonali u lokali, kif ukoll żgħażaġħ b'anqas opportunitajiet fi djalogu strutturat ma' dawk li jfasslu l-politika.

L-iżvilupp ta' l-Unjoni Ewropea jitlob impenn qawwi. F'Ewrobarometru reċenti ż-żgħażaġħ lissnu l-appoġġ tagħhom għall-UE, u li wieħed jibni fuq dan huwa importanti<sup>31</sup>.

Il-Kummissjoni tipproponi li ssaħħaħ is-sħubija preżenti bejn l-Istituzzjonijiet ta' l-UE u r-rappreżentanti taż-żgħażaġħ fi sqarrija li tenfażizza r-rilevanza ta' djalogu strutturat maż-żgħażaġħ fil-livelli kollha u fl-oqfsa koperti minn din il-Komunikazzjoni. L-aġenda trid tiġi ddefinita flimkien maż-żgħażaġħ. Id-djalogu għandu jġib flimkien il-partijiet interessati rilevanti u għaqdiet taż-żgħażaġħ. Għandu wkoll jinkludi żgħażaġħ b'anqas opportunitajiet u dawk li mhumiex membri ta' għaqda.

Oqfsa oħra ta' interess għaż-żgħażaġħ, bħall-iżvilupp sostenibbli, il-ġejjieni ta' l-UE jew l-għajnuna għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, jistgħu jiġu indirizzati wkoll fil-qafas ta' din is-sħubija.

---

<sup>29</sup> Ara t-taqsima 3 tad-dokument ta' ħidma għall-impjegati dwar attivitajiet volontarji taż-żgħażaġħ għal aktar tagħrif sustanzjat dwar l-ostakoli

<sup>30</sup> DEĊIŻJONI 2241/2004/KE

<sup>31</sup> Żgħażaġħ EB 2007

Rapport ta' l-UE dwar iż-żgħażaġh għandu jiġi abbozzat kull tliet snin flimkien maż-żgħażaġh, fuq il-bażi tat-tagħrif preżenti u li jirrapporta dwar żviluppi fl-oqsma indirizzati f'din il-komunikazzjoni. Il-ministri laqgħu tajjeb dan ir-rapport<sup>32</sup>.

## ***Il-Kummissjoni***

### ***Għal parteċipazzjoni:***

- tistieden l-Istati Membri fi ħdan l-OMC jimplimentaw l-oġettivi komuni msaħħa għas-sehem u l-informazzjoni taż-żgħażaġh u biex jimplimentaw id-djalogu strutturat
- tistieden l-Istati Membri jagħtu rwol liż-żgħażaġh fi ħdan l-attivitajiet ippjanati għas-Sena Ewropea dwar id-djalogu inter-kulturali
- f'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri u bir-rispett dovut għall-kompetenzi tagħhom, se tistudja l-prassi nazzjonali preżenti f'dak li huwa aċċess għaż-żgħażaġh għall-kultura, bil-ħsieb li dan l-aċċess ikun iktar miftuħ
- se tuża programmi rilevanti ta' l-UE33, f'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri, biex iġġib 'l quddiem is-sehem taż-żgħażaġh, f'approċċ ikkoordinat

### ***Għall-attivitajiet volontarji***

- tistieden l-Istati Membri jiżviluppaw programmi, strateġiji, jesploraw titjib fl-oqfsa legali, jeliminaw ostakli u jħeġġu l-volontarjat taż-żgħażaġh b'anqas opportunitajiet
- tistieden l-Istati Membri jgħibu 'l quddiem u jagħrfu l-volontarjat, fuq il-bażi ta' l-Ewropass
- tistieden l-Istati Membri jsaħħu l-OMC fuq l-attivitajiet volontarji, jidħlu għal attivitajiet ta' taġlim bis-saħħa ta' xulxin u jiżviluppaw għodda ta' sorveljanza fuq livell Ewropew
- se tniedi konsultazzjoni u stima ta' l-impatt dwar inizjattiva ġdida fuq livell ta' l-UE biex iġġib 'l quddiem u tagħraf l-attivitajiet volontarji taż-żgħażaġh

### ***Għal sħubija msaħħa***

- tistieden l-Istituzzjonijiet Ewropej u ż-żgħażaġh isaħħu s-sħubija tagħhom fi stqarrija konġunta aktar tard din is-sena
- tistieden il-Forum Żgħażaġħ Ewropej, fi ħdan id-djalogu strutturat, ilissnu t-tħassib taż-żgħażaġh b'anqas opportunitajiet u ta' dawk li mhumiex membri ta' xi għaqda
- se tfassal rapport ta' l-UE dwar iż-żgħażaġh li jrid jitħejja mill-Kummissjoni kull tliet snin

<sup>32</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill 8771 (25.05.2007)

<sup>33</sup> Pereżempju Iż-Żgħażaġħ Jaġixxu, Taġlim tul il-Ħajja, il-programm qafas dwar il-Kompetittività u l-Innovazzjoni u l-programm aktar speċifiku dwar l-impreditorija u l-innovazzjoni u l-programm propost ta' Azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-Saħħa 2007-2013

## 6. KONKLUŻJONIJIET

Il-Komunikazzjoni preżenti hija pass ewlieni fi proċess ta' strateġija politika dwar kwistjonijiet taż-żgħażaġh li beda fl-2001 bil-*White Paper* dwar iż-Żgħażaġħ. Hija twassal, f'kuntast ta' soċjetajiet li qiegħdin jixjieħu, messaġġ qawwi għal aktar investiment, investiment aħjar u aktar kmieni fiż-żgħażaġh għall-promozzjoni ta' l-edukazzjoni tagħhom, l-inklużjoni soċjali, is-saħħa u ċittadinanza attiva f'approċċ tul ċiklu ta' ħajja. L-investiment m'għandux ikun biss finanzjarju. L-involviment personali tal-partijiet interessati rilevanti huwa meħtieġ, bħal dawk li jfasslu l-politika, l-istituzzjonijiet tax-xogħol u edukattivi, l-impriżi, dawk li jaħdmu maż-żgħażaġh, riċerkaturi, familji u għaqdiet li jaħdmu għaż-żgħażaġh u magħhom.

Il-Komunikazzjoni tenfażizza l-ħtieġa li jitnaqqas b'mod sostanzjali l-qgħad fiż-żgħażaġh u titjeb il-kwalità ta' l-impjiegi. Iż-żgħażaġh kollha, u l-Ewropa kollha kemm hi, jeħtieġ li jkollhom il-ħiliet u l-opportunitajiet ta' xogħol produttiv għall-benessri ekonomiku u soċjali. Għas-sehem sħiħ taż-żgħażaġh huwa ta' importanza kbira l-aċċess għal impjiegi tajjeb li jeħtieġ ukoll edukazzjoni kwalitattiva u rilevanti. Il-promozzjoni tas-sehem sħiħ ta' diriġenti żgħażaġh, intraprendituri u ħaddiema hija wkoll komponent ewlieni fil-bini ta' ekonomiji ta' l-UE innovattivi, ibbażati fuq l-għarfien u kompetittivi internazzjonalment.

Il-ħidma għas-sehem sħiħ taż-żgħażaġh fis-soċjetà tista' titwettaq b'aktar suċċess permezz ta' strateġija għaż-żgħażaġh trażversali. Dan jeħtieġ kooperazzjoni intersettorjali aktar qawwija bejn l-oqsma ta' politika li għandhom impatt fuq iż-żgħażaġh u attenzjoni ikbar liż-żgħażaġh f'dawn l-oqsma. L-Istati Membri għaldaqstant huma mistiedna jieħdu għadd ta' miżuri bl-għan li jissawwru rabtiet aktar mill-qrib bejn il-proċessi preżenti, bħall-Istrateġija ta' Liżbona, l-istrateġiji għas-saħħa u metodi varji miftuħa ta' koordinazzjoni<sup>34</sup>, sabiex jkunu jistgħu jwasslu aktar opportunitajiet u opportunitajiet aħjar liż-żgħażaġh, u jikkonċentraw fuq azzjonijiet li jkunu aktar ta' benefiċċju għall-integrazzjoni professjonali, l-inklużjoni soċjali u ċittadinanza attiva taż-żgħażaġh.

Il-Kummissjoni tipproponi għadd ta' inizjattivi ġodda li jibnu l-pontijiet bejn l-edukazzjoni u l-impjiegi u jrawwmu ċittadinanza attiva fost iż-żgħażaġh. Fost dawn hemm inizjattiva dwar statut Ewropew għall-kwalità ta' l-apprendistati, inizjattiva pilota "L-Ewwel Xogħol Tiegħek Barra", strateġija ġdida għas-saħħa imminenti, stima ta' l-impatt fuq l-attivitajiet volontarji għaż-żgħażaġh u studju li jirrigwarda l-aċċess taż-żgħażaġh għall-kultura. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipproponi l-promozzjoni ta' koordinazzjoni trażversali permezz ta' rapport ta' l-UE dwar iż-żgħażaġh kull tliet snin.

Is-sehem sħiħ taż-żgħażaġh fis-soċjetà jista' biss madankollu jkun ta' suċċess jekk iż-żgħażaġh jimpenjaw ruħhom li jaħdmu bħala msieħba għal dan l-oġettiv, u għaldaqstant qed issir il-proposta tal-Kummissjoni biex iż-żgħażaġh ikunu f'qagħda li jaġixxu u għat-tisħiħ tas-sħubija preżenti bejn l-Istituzzjonijiet Ewropej u l-ġenerazzjoni żaġħzuga.

Anness Tekniku: dokumenti ta' referenza

---

<sup>34</sup> Fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, l-inklużjoni u ż-żgħażaġh

## **Anness Tekniku: Lista ta' dokumenti ta' referenza (f'ordni kronoloġiku)**

- (1) COM (2001) 681: *White Paper* dwar impetu ġdid għaż-Żgħażaġħ Ewropej (21.11.2001)
- (2) Edukazzjoni u Taħriġ 2010 C 142/1: Programm ta' Xogħol Dettaljat dwar is-segwitu ta' l-għanijiet tas-sistemi ta' Edukazzjoni u taħriġ fl-Ewropa (14.06.2002)
- (3) Riżoluzzjoni tal-Kunsill C 168/2(2002): Riżoluzzjoni tal-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill dwar il-qafas ta' Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh (27.06.2002)
- (4) Riżoluzzjoni tal-Kunsill Gwida: Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar it-Tisħiħ ta' Strateġiji Poliċi, Sistemi u Prassi fil-qasam tal-Gwida. (Mejju 2004) [http://ec.europa.eu/education/policies/2010/doc/resolution2004\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/education/policies/2010/doc/resolution2004_en.pdf)
- (5) L-Impjiegi fl-Ewropa (EiE) 2004: L-Impjiegi fl-Ewropa 2004
- (6) Riżoluzzjoni tal-Kunsill 13996/04 (2004): Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar objettivi Komuni għal attivitajiet volontarji, 13996/04 (15.11.2004)
- (7) DEĊIŻJONI 2241/2004/KE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15.12.2004 dwar Qafas Komunitarju Waħdieni għat-trasparenza tal-kwalifiki u tal-kompetenzi (Ewropass)
- (8) Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ: Anness 1 għall-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tat-22 u t-23 ta' Marzu 2005
- (9) COM (2005) 206: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar strateġiji poliċi li jirrigwardaw iż-żgħażaġh - L-indirizzar tat-tħassib taż-żgħażaġh fl-Ewropa - li timplimenta l-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ u ġġib 'il quddiem ċittadinanza attiva (30.05.2005)
- (10) COM (2006) 33: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Liżbona tal-Komunità: It-trawwim ta' mentalitajiet intraprenditorjali permezz ta' l-edukazzjoni u t-tagħlim (13.02.2006)
- (11) COM (2006) 208: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-twassil ta' l-aġenda ta' modernizzazzjoni għall-universitajiet: edukazzjoni, riċerka u innovazzjoni" (10.05.2006)
- (12) COM (2006) 417: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-segwitu tal-*White Paper* dwar impetu ġdid għaż-Żgħażaġħ Ewropej: Li timplimenta l-għanijiet komuni għall-parteċipazzjoni miż-żgħażaġh u informazzjoni għalihom bil-għan li tippromwovi li jkunu ċittadini Ewropej attivi (20.07.2006)
- (13) COM (2006) 481: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Effiċjenza u l-Ekwità fl-edukazzjoni Ewropea u s-sistemi ta' taħriġ (08.09.2006)
- (14) COM (2006) 571: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-ġejjieni demografiku ta' l-Ewropa - minn sfida għal opportunità" (12.10.2006)

- (15) L-Impjiegi fl-Ewropa (EiE) 2006: L-Impjiegi fl-Ewropa 2006
- (16) Analiżi dwar l-Osservazzjoni ta' l-Impjieg fl-Ewropa: Ħarifa 2005 (Impjieg għaż-żgħażaġh). Il-Lussemburgu: Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2006. ISSN 1725-5376
- (17) Rakkomandazzjoni (2006/962/KE): Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja (18.12.2006)
- (18) COM (2006) 857: Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-impjieg fiż-żoni rurali: biex tonqos id-diskrepanza" (21.12.2006)
- (19) SEC (2006) 1772: Dokument ta' Ħidma tas-Servizzi tal-Kummissjoni: **Rapport dwar l-impjieg fiż-żoni rurali** (21.12.2006)
- (20) SEC (2007) 329: Dokument ta' Ħidma tas-Servizzi tal-Kummissjoni: Rapport Konġunt dwar il-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali. Dokument ta' appoġġ (06.03.2007)
- (21) BEPA April 2007: Uffiċċju tal-Konsulenti dwar il-Politika Ewropea "L-investiment fiż-żgħażaġh: strateġija ta' aċċess" [http://ec.europa.eu/dgs/policy\\_advisers/publications/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/dgs/policy_advisers/publications/index_en.htm)
- (22) COM (2007) 244: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-promozzjoni tas-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet" (10.5.2007)
- (23) Konklużjonijiet tal-Kunsill 8771 (2007): dwar prospettivi fil-ġejjieni għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tal-politika għaż-żgħażaġh (25.05.2007)
- (24) COM (2007) 279: *White Paper* dwar Strateġija għall-Ewropa għal kwistjonijiet ta' saħħa marbuta man-Nutrimint, il-Piż Żejjed u l-Obeżità (30.05.2007)
- (25) COM (2007) 359: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lejn prinċipji komuni ta' flessigurtà: Aktar impjiegi u impjiegi aħjar permezz tal-flessibbiltà u s-sigurtà" (27.06.2007)
- (26) Żgħażaġħ EB 2007: "X'hemm wara ċ-ċifri - ir-riżultati ewlenin ta' l-istħarriġ ta' l-Ewrobarometru 2007 dwar iż-żgħażaġh" ta' Frar 2007, fuq [http://ec.europa.eu/youth/index\\_en.html](http://ec.europa.eu/youth/index_en.html)
- (27) EB Flash 192, Stħarriġ dwar l-Imprenditorija ta' l-UE (25 Stat Membru), l-Istati Uniti, l-Iżlanda u n-Norveġja: Rapport Analitiku, April 2007
- (28) Rapport dwar il-Progress 2007: Progress lejn l-oġġettivi ta' Liżbona fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ: Rapport tad-DG EAC 2007 ibbażat fuq indikaturi u kriterji ta' tqabbil (imminenti)
- (29) COM (2007) 242: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar aġenda Ewropea għall-kultura f'dinja li qed tiġi gglobalizzata (10.05.2007)
- (30) COM (2007) 391: *White Paper* dwar l-isport: L-UE u l-isport: l-ilħuq ta' l-aspetattivi, u l-Pjan ta' Azzjoni mehmuż (11.07.2007)

- (31) Aġenda ta' Oslo għall-Edukazzjoni fl-Imprenditorija fl-Ewropa [http://ec.europa.eu/enterprise/entrepreneurship/support\\_measures/training\\_education/doc/oslo\\_agenda\\_final.pdf](http://ec.europa.eu/enterprise/entrepreneurship/support_measures/training_education/doc/oslo_agenda_final.pdf)
- (32) Ktejjeb dwar il-Gwida għall-Karriera: Gwida għall-Karriera - Ktejjeb għal dawk li jfasslu l-politika. Dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni u pubblikazzjoni konġunta ma' l-OECD. <http://www.oecd.org/dataoecd/53/53/34060761.pdf>
- (33) LFS: "Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol - Gwida għall-Utent" Ewrostat 2007
- (34) Alleanza Ewropea tal-Familji: immedija mill-Istati Membri fil-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2007. Għal aktar dettalji ara [http://ec.europa.eu/employment\\_social/families/european-alliance-for-families\\_en.html](http://ec.europa.eu/employment_social/families/european-alliance-for-families_en.html)
- (35) Portal Ewropew għaż-Żgħażaġħ: għajn ta' tagħrif ġenerali għaż-żgħażaġh. <http://europa.eu/youth>
- (36) Programm iż-Żgħażaġħ Jaġixxu 2007-2013: il-programm il-ġdid ta' l-UE fil-qasam taż-żgħażaġh. <http://ec.europa.eu/youth>